MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Numru. 237/2000

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**Charles sive Charlot Mangion, iben George u Dolores nee' Portelli, imwieled Bormla nhar it-30 ta' Ottubru, 1975, residenti fil-fond St Mary, Triq il-Karmnu, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' numru 25276M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Charles sive Charlot Mangion**, li gie akkuzat talli:

a. Nhar it-28 ta' Awwissu, 1993, f'xi hin bejn id-9.00 ta' filghodu u nofsinhar neqsin ghoxrin minuta, waqt li kien f'San Pawl tat-Targa limiti tan-Naxxar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus, liema serq li huwa kkwalifikat bil-

mezz, lok, u valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) sar ghad-detriment ta' Dr Joseph Vella LL.D., minn San Pawl tat-Targa limiti tan-Naxxar;

b. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghas-somma ta' Lm48.00 saret ghad-detriment ta' Dr Joseph Vella LL.D., minn San Pawl tat-Targa limiti tan-Naxxar;

c. U aktar talli fl-istess data, u cirksotanzi, f'dawn il-Gzejjer, sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess akkuzi.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':
a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;
d. Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll il-kunsens tal-istess imputat ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha prodotti, senjalament ix-xhieda prodotti.

Xehed id-derubat Dr Joseph Vella. Qal illi kien sab il-bieb sgassat u li xi hadd dahallu d-dar u seraqlu xi affarijiet. A tempo vergine fl-Ingenere qal li nsteraqlu s-segwenti:
- Ladies solitaire diamond ring in yellow gold;
- Ladies gold bracelet
- Ladies gold bracelet
- Ladies signet ring with amber stone
- Ladies necklace
- Ladies brooch with four diamonds

- Ladies bow shaped brooch
- Ladies Cartier dress wrist watch
- Man's signet ring with crest
- Man's tiepin with old cut diamond ammontanti ghall-valur ta' Lm3,410.00

Dwar id-danni/hsara sofferti f'din is-serqa, ta stima ta' Lm48.00.

Insteraqlu wkoll ammont ta' flus taht il-mitt lira Maltin (Lm100.00).

Qal illi din is-serqa saret bejn id-9 – 11.30am, x'hin kien barra minn daru.

Giet ezebita wkoll l-istqarrija tal-imputat, Dok CM folio 18, li skont PS 562 Anthony Portelli ttiehdet wara li l-imputat inghata s-solita twissija skont il-Ligi vigenti f'dak iz-zmien.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-espert Joseph Bongailas nominat fl-Ingenere biex wara li jittiehdu l-impronti ta' Charlot Mangion (suspettat f'dan l-istadju), jaghmel ezami komparattiv ma' dawk elevati fl-Inkjesta minn PS 1030 Ivan Portelli. Ikkonkluda dan l-espert:
*"Illi d-dokument 93BRH101 jaqbel ma-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Charlot Mangion li joqghod St Mary, Carmel Street, Fgura (ID25276M), dokument JM1."*

Rat ukoll li dan id-dokument 93BRH101 gie elevat minn fuq bieb tal-injam ta' wara li gie sgassat.

Rat li maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza ma ressqet kwazi ebda prova nonostante s-snin li ghaddew. Fil-fatt l-unika prova mressqa kienet dik ta' Victoria Scicluna li xehdet dwar il-progess li ghamel l-imputat f'dawn l-ahhar snin fil-konfront tar-riabilitazzjoni tieghu f'Santa Maria.

Rat ukoll il-fedina penali aggornata ezebita mis-Supritendent Carmelo Bartolo fuq talba tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi certament fuq il-konkluzjonijiet ta’ Joseph Bongailas din il-Qorti ftit ghandha xi tghid, hlief illi ssib htija fil-konfront tal-akkuzat, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll li ma giet ezebita ebda sentenza in sostenn tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement mhux ser jigu applikati fil-piena.

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, semghet kif gia’ premess lil Victoria Scicluna fuq dak li suppost hu l-progess tal-imputat;
Rat ukoll li mill-fedina penali tal-imputat, l-ahhar reat minnu kommess.

Ghaldastant din il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imsemmi **Charles sive Charlot Mangion** ghal piena karcerajra effettiva ta’ sena u nofs;
Tikkundannah ukoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €276.64.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------